# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 165/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Wayne Pisani**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Wayne Pisani, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 521588M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fit-18 ta' Novembru 2013, ghall habta ta' 08:25hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fuq il-bahar fl-inhawi tal-Port il-Kbir b' opra tal-bahar, waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar, ipprova jikkaccja, minn fuq il-bahar, xi ghasfur li mhux inkluz fit-Taqsima B tal-Iskeda II;
2. Ukoll talli fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar: ikkaccja, minn fuq il-bahar f'medda ta' tliet kilometri, jew inqas, mill-kosta minn fuq xi dghajsa jew opra tal-bahar.
3. Ukoll talli fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar mill-kosta kellu

arma tan-nar li tkun licenzjata ghall-kacca tat-tjur li tkun ikkargata, jew li ghandha l-iskratac fil-kompartiment tal-iskratac taghha, jew li tkun tinsab barramill-ghata taghha.

4. Ukoll talli fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt l-istagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar ikkaccja minn fuq il-bahar xi ghasfur li mhux elenkat.

5. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, mhux skond dawn ir-Regolamenti u mhux skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja mghotija tahthom.

6. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur minghajr ma kellu licenzja adattata ghal dik l-attivita mahruga lilu taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi jew taht xi ligi ohra.

7. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja minn fuq xi opra tal-bahar li ma kelliex licenzja mill-kummissarju ghal dak l-iskop.

8. Ikkonfoffa jew ittanta jew ghen, ta' parir jew flus lil xi hadd iehor biex jikser xi restrizzjoni jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti jew biex jikser xi restrizzjoni jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti, ikun hati ta ' reat taht dawn ir-regolamenti.

9. Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra l-ebda persuna mghandha tikkaccja jew tipprova tikkaccja, tiehu jew tipprova tiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet ta dawn ir-regolamenti, kemm il darba dik il-persuna ma' tkunx fil-pussess ta' licenzja valida skond ma tkun tapplika, mahruga mid-Direttur, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra.

10. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor.

11. Ukoll talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-Artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.

12. Ukoll talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bhala detentur ta' licenzja jew li kellu fil-pussess jew kien igorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux specifikati fil-licenzja mahruga lilu.
13.Kif ukoll rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija lilu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' April, 2014, li biha sabet lill-appellant, allura imputat, hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' €2500, ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti u l-iskwalifika tal-licenzji tal-kacca ghal-sena;.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Wayne Pisani, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' April, 2014, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermha fil-parti fejn sabet lil appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, **tvarja l-piena** nflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti:

Ikkunsidrat,

1. Illi l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' multa fis-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2500), flimkien mal-konfiska tal-oggetti esebiti, inkluz allura dinghy, u l-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca tieghu ghal-perjodu ta' sena, hija wahda sproporzjonata fic-cirkostanzi. L-appellant jargumenta illi ghalkemm il-prassi tal-Qrati taghna f'kazijiet simili hija li timponi multa, u dan minghajr il-konfiska tal-oggetti ezebiti, f'dan il-kaz l-Ewwel Onorabbli Qorti, mhux talli imponiet multa illi tmur lejn il-massimu, talli ordnat ukoll il-konfiska tal-oggetti esebiti;

2. Dwar dan, tajjeb li *in primis* ikun affermat illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubbblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubbblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza Ir-Repubbblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015;

3. L-appellant jargumenta illi l-prassi tal-Qrati taghna f'kazijiet simili hi li timponi multa minghajr ma tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti u li f'dan il-kaz il-multa mposta tmur aktar lejn il-massimu li allura b'dan il-Qorti tifhem li l-appellant kien punit bizzejjed bil-piena tal-multa mposta. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan. Il-multa mposta ghar-reati imputati lill-appellant, skond il-ligi kif vigenti fiz-zmien tal-kommissjoni taghhom, hija sew fil-parametri tal-ligi u tirrifletti ukoll il-gravita' taghhom jigifieri ta' kacca minn fuq il-bahar, senjatament gewwa l-Port il-Kbir;

4. L-appellant jargumenta ukoll, anke permezz ta' citar ta' sentenzi ta' din il-Qorti, illi l-ewwel Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu. Is-sentenzi citati mill-appellant ma huma ta' ebda ghajnuna ghal argument tieghu. Huwa stess jenfasizza illi fis-sentenza Il-Pulizija vs Charlot Aquilina (App Krim 7.11.2008) kien ritenut illi "persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha la darba turi li hemm ir-rieda ta' bidla". Irid jinghad illi meta l-Qrati taghna raw rieda tajba u possibilita' ta' riforma taw l-opportunita' misthoqqa. Fil-kaz odjern, l-appellant ma ressaq ebda indizzju in rigward. Kulma ghandha quddiemha l-Qorti hija rassenja ta' reati kontra l-ligijiet ghall-konservazzjoni tal-ghasafar, recidiva u fedina penali li turi illi ma ghandu l-ebda rispett ghal-tali ligijiet;

5. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.

6. Iz-zmien tal-iskwalifika tal-licenzji tal-kacca tal-appellant ghal zmien sena jibda jiddekorri mil-lum.